



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' Frar 2014 (14.02)
(OR. en)**

6118/14

**PUBLIC 3
INF 21**

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL
SETTEMBRU 2013

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2013.^{1 2}

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jkunu ġew iffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts?lang=mt>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register?lang=mt>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklussivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes?lang=mt>

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
F'SETTEMBRU 2013**

Proċedura bil-miktub konklużi fis-6 ta' Settembru 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia	11458/13

Proċedura bil-miktub konklużi fit-13 ta' Settembru 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE	13181/13

Proċedura bil-miktub konklużi fit-23 ta' Settembru 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Zimbabwe	12714/13

It-3257 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fi Brussell fit-23 ta' Settembru 2013

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 8/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża, adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2013 ĠU C 309E, 24.10.2013, p. 1–9	11703/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Indoneżja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ fi prodotti tal-injam għall-Unjoni Ewropea ĠU L 265, 8.10.2013, p. 1-2	11768/1/13 REV 1 + REV 2 11769/1/13 REV 1 + REV 1 COR 1
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju	11995/13 11995/13 ADD 1
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita	10503/13 + ADD 1
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali	12825/13
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza skont il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, li tikkonċerna d-Deċiżjoni Nru 0004 li temenda l-Anness 1 għall-Ftehim	12300/13 12413/13
Deċiżjoni tal-Kunsill li Tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea li tipparteċipa, f'isem l-UE, fin-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati tal-isport fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija	10180/13

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Kumitat Konġunt UE-EFTA dwar l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' transitu (adattamenti li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni)	12173/13
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea, fil-kuntest tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Isvizzera, fir-rigward tad-definizzjoni tar-raġunijiet għall-eżenzjoni mit-trażmissjoni tad-data skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tal-Anness 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà	13032/13
2013/488/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1-50	9829/13
<p>I. Dikjarazzjoni mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-protezzjoni u t-trattament ta' informazzjoni klassifikata</p> <p>1. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) iqisu li r-regoli ta' sigurtà rispettivi tal-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), u l-Ftehim bejn l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, flimkien għandhom l-għan li jistabbilixxu qafas ġenerali komprensiv u koerenti fl-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li toriġina fl-Istati Membri, fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew fl-aġenziji, il-korpi jew l-uffiċċji tal-UE, jew li waslu minn Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.</p> <p>2. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jfakkru li r-regoli ta' sigurtà rispettivi tal-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE ser ikompli jkun fihom standards ekwivalenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet istituzzjonali u organizzattivi speċifiċi tagħhom. Dawn ir-regoli flimkien jikkostitwixxu qafas li fi ħdanu tista' tiġi kondiviża informazzjoni bħal din bejniethom. Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u komunikazzjoni u sistemi ta' informazzjoni li jittrattaw informazzjoni bħal din, il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli:</p>	

- (a) ser jikkunsidraw il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE bħala kwistjoni ta' interess komuni u jintrabtu li jipprovdu assistenza reċiproka fil-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw it-trattament u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE;
 - (b) jaqblu li l-Kunsill, il-Kummissjoni u dipartimenti tas-SEAE ser jikkonsultaw lil xulxin dwar kwalunkwe modifika tar-regoli ta' sigurtà rispettivi qabel ma jiġu adottati sabiex tinżamm l-ekwivalenza attwali tad-dispożizzjonijiet;
 - (c) jaqblu li fejn huwa meħtieġ ftehim dwar is-sigurtà ta' informazzjoni ma' Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali, jista' jiġi konkluż ftehim uniku mill-Unjoni bħala qafas ġenerali għal dak il-għan;
 - (d) ser jinformaw lil xulxin qabel jidħlu f'arranġamenti ta' sigurtà ma' partijiet terzi;
 - (e) jaqblu li ż-żjarat ta' valutazzjoni tas-sigurtà ser ikomplu jitwettqu abbażi ta' programm konġunt ta' spezzjoni tal-UE;
 - (f) jaqblu li jiġu attwati arranġamenti prattiċi mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni u S-SEAE biex jitwettqu żjarat ta' valutazzjoni biex jiġi vverifikat li l-prattiki tal-entità li saritilha ż-żjara huma konformi mal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi li jirregolaw il-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE. Arranġamenti bħal dawn ser jiżguraw li żjarat ta' valutazzjoni jitwettqu b'mod effiċjenti u kosteffettiv billi jiġu razzjonalizzati l-prattiki, kondiviżi l-ħiliet esperti disponibbli u billi tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforz; (g) jaqblu li qabel l-approvazzjoni ta' prodotti kriptografiċi għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE mill-Awtorità ta' Approvazzjoni Kriptografika rispettiva tagħhom, prodotti bħal dawn, fil-prinċipju, trid tkun saritilhom evalwazzjoni minn sekonda oħra u ġew irrakkomandati għall-approvazzjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.
- F'dan il-qafas, ser jitfasslu arranġamenti u proċeduri għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE kif meħtieġ bejn id-diretturi tal-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-SĠK, id-Direttorat ta' Sigurtà tal-Kummissjoni u d-Direttorat ta' Sigurtà tas-SEAE.

II. Dikjarazzjoni mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-protezzjoni u t-trattament ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (IKUE) minn aġenziji, korpi jew uffiċċji tal-UE

Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) ser jagħmlu hilitom biex jiżguraw konsistenza massima fl-applikazzjoni tar-regoli ta' sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni ta' IKUE minnhom u mill-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE. B'mod partikolari, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jiżguraw li fejn huma stabbiliti tali aġenziji, korpi jew uffiċċji tal-UE, l-entità inkwistjoni tapplika livell ta' protezzjoni għall-ħolqien u l-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata li hija ekwivalenti għal dak li jingħatalha skont ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, kif adatt. L-Uffiċċju ta' Sigurtà tas-SĠK u d-Direttorat ta' Sigurtà tal-Kummissjoni huma disponibbli biex jipprovdu gwida meta tkun mitluba fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni fl-organizzazzjoni interna ta' tali aġenziji, korpi jew uffiċċji.

B'mod partikolari, il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jieħdu l-passi kollha possibbli, fejn meħtieġ billi jidħlu f'arranġamenti amministrattivi, sabiex:

- (a) informazzjoni klassifikata maħluqa minn tali entitajiet skont l-applikabbiltà tar-regoli ta' sigurtà tkun immarkata bħala IKUE. Jista' wkoll ikollha mmmarkar addizzjonali li jindika l-aġenzija, il-korp jew l-uffiċċju li jkun qed joriġina l-informazzjoni;
- (b) il-kondiviżjoni ta' IKUE li toriġina mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ma' kwalunkwe aġenzija, korp jew uffiċċju tal-UE, jew bejn entitajiet bħal dawn, tiddependi mill-eżitu sodisfaċenti ta' żjara ta' valutazzjoni bl-għan li taċċerta l-effettività ta' miżuri implimentati għall-protezzjoni ta' IKUE.

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni u s-Segretarju Ġenerali tas-SEAE, kif adatt, ser jinformat lill-aġenziji, l-korpi jew l-uffiċċji dwar kwalunkwe ftehim jew arranġament amministrattiv li għandu jiġi nnegozjat jew stabbilit ma' Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jkopru l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jistieden lil dawk l-aġenziji, korpi jew uffiċċji biex jinformat lill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli meta dawk l-aġenziji, korpi jew uffiċċji jkollhom l-intenzjoni li jinnegozjaw ftehim jew arranġamenti amministrattivi ma' Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali li tkopri l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

Il-Kunsill jikkonferma li l-iskambju dirett ta' informazzjoni klassifikata bejn l-EDA u kwalunkwe Stat terz jew organizzazzjoni internazzjonali taħt ftehim amministrattiv li tkun daħlet fih l-EDA, jeħtieġ il-konklużjoni minn qabel mill-Kunsill ta' Ftehim dwar is-sigurtà ta' informazzjoni bejn l-UE u l-Istat terz jew organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni.

III. Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE f'operazzjonijiet tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet u minn Rappreżentanti Speċjali tal-UE u l-iskwadri tagħhom

Il-Kunsill ser jiżgura li atti adottati skont it-Titolu V tat-TUE jistipulaw li l-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-PESD u l-persunal tagħhom, u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE u l-iskwadri tagħhom, japplikaw ir-regoli ta' sigurtà adottati mill-Kunsill għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.

Huwa jinnota għalhekk li l-ASNs (Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali), fuq talba mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE, il-Kap tal-Missjoni u/jew il-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet jew il-Kmandant tal-Operazzjonijiet u/jew tal-Forza jew il-Kmandant tal-Missjoni, ser iwettqu l-proċeduri għall-approvazzjoni ta' sigurtà meħtieġa għal individwi skjerati f'operazzjonijiet tal-PESD taħt it-Titolu V tat-TUE jew bħala parti mill-iskwadri tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE li għad ma għandhomx approvazzjoni ta' sigurtà valida. Għal operazzjonijiet ċivili tal-PESD u għall-iskwadri tar-RSUE, tali talbiet ser jintbagħtu lill-ASN mill-Uffiċjal ta' Sigurtà tar-RSUE jew tal-Missjoni maħtur, li ismu għandu jiġi nnotifikat lill-ASN mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

IV. Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar politiki u linji gwida eżistenti dwar is-sigurtà

Politiki u linji gwida dwar is-sigurtà approvati jew li ntlaħaq qbil dwarhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE jew skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà ser ikompli jkunu validi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, sakemm dawk il-politiki u l-linji gwida dwar is-sigurtà jiġu sostitwiti, mħassra jew emendati.

2013/526/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/025 IT/Lombardija mill-Italja) ĠU L 284, 26.10.2013, p. 22-22	11817/13
2013/514/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2012/008 IT/De Tomaso Automobili mill-Italja) ĠU L 280, 22.10.2013, p. 24-24	11820/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/467/PESK tat-23 ta' Settembru 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/576/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)	12060/13

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/468/PESK tat-23 ta' Settembru 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)	12064/13		
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2013 tat-23 ta' Settembru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 857/2010 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda ĠU L 253, 25.9.2013, p. 1-3	13143/13		
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill rigward id-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU tal-2013 dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp u dwar l-estensjoni tar-rabta bejn l-iżvilupp u l-migrazzjoni	12415/13		
Abbozz ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Eurojust u l-Frontex	12823/13		
It-3258 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) li saret fi Brussell fis-26 u s-27 ta' Settembru 2013			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) Nru 1021/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jemenda d-Direttivi 1999/4/KE u 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kunsill 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu mogħtija lill-Kummissjoni ĠU L 287, 29.10.2013, p. 1-4	PE-CONS 31/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (L-ewwel qari)	PE-CONS 36/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur minbarra: astensjoni ta' UK

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja u l-Awstrija relatata mal-Artikolu 148 (5)

L-Artikolu 148(5) flimkien mal-Artikolu 151 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (UCC) ser jippermetti li merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja fl-Unjoni tiġi spustata fl-Istati Membri barra mill-proċedura ta' transitu prevista għal dan l-iskop mingħajr ma jinġabar l-ebda dazju doganali jew taxxa fuq id-dħul min-negozju. Sabiex jiġi żgurat li l-għadd kbir ta' movimenti mistennija ta' merkanzija jiġi ssorveljat b'mod effettiv bil-ħsieb li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri, ikun meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura (IT) prekawzjonarja flimkien mal-NCTS, is-sistema elettronika żviluppata speċifikament għall-proċedura ta' transitu, li mhijiex aċċettabbli minħabba r-riżorsi umani u finanzjarji sinifikanti li diġà ġew investiti fl-NCTS mill-UE u l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-arranġament ser ifixkel is-superviżjoni ta' miżuri kummerċjali kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet, pereżempju embargoes.

Għalhekk, sakemm joħroġ avviż ieħor, il-Ġermanja u l-Awstrija mhux ser jagħmlu użu mid-dispożizzjoni diskrezzjonarja taħt l-Artikolu 148(5) tal-UCC billi la ser jagħti tali awtorizzazzjonijiet u lanqas ser jingħaqdu ma' awtorizzazzjonijiet mogħtija minn Stati Membri oħra li huma relatati mat-territorji tagħhom.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja relatata mal-Artikolu 7(c)

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tieħu nota tal-formulazzjoni tal-Artikolu 7(c) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tad-dikjarazzjoni li saret mill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjoni proposta. Hija tenfasizza li l-informazzjoni u d-dettalji li għandhom jiġu trasmessi abbażi tad-dritt tal-UE skont dan ta' hawn fuq ma għandhomx jiġu stabbiliti b'tali mod li l-Istati Membri jkunu pprojbiti milli jitolbu informazzjoni addizzjonali biex b'hekk tkun preservata l-arkitektura tas-sistema nazzjonali ta' minn dejjem li sservi ta' benefiċċju għall-kummerċ u l-amministrazzjoni.

Dikjarazzjoni minn Ċipru

Ċipru jixtieq ifakkar li l-Artikolu 1.1 tal-Protokoll Nru 10 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea jipprevedi s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-acquis f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv.

Din is-sospensjoni għandha applikazzjoni territorjali; waqt li l-applikazzjoni tal-acquis hija sospiża fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern, jista' jiġi applikat fi kwistjonijiet / każijiet li jikkonċernaw żoni mhux ikkontrollati mill-gvern

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kroazja tappoġġa l-adozzjoni tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (Regolament).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament kif previst, kif ukoll il-kwalità tal-leġislazzjoni tal-UE, il-Kroazja hija tal-opinjoni li l-verżjoni Kroata tat-test mhix konformi mat-terminoloġija doganali standard użata fil-Kroat, u għalhekk il-Kroazja tixtieq iddaħħal riżerva lingwistika.

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' applikazzjoni inadegwata tal-leġislazzjoni doganali bażika tal-Unjoni fil-Kroazja, il-Kroazja tistenna li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jimplementa, malajr kemm jista' jkun, il-proċedura biex tiġi rettifikata l-verżjoni Kroata tar-Regolament.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT
Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni	13418/13
<p>Dikjarazzjoni mill-Ungerija</p> <p>Kif kien iddikjarat preċedentement fil-COREPER tas-6 ta' Settembru 2013, l-Ungerija ma tistax taqbel mar-regoli ġodda ta' klassifikazzjoni fil-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, u t-tnaqqis konsegwenti fir-rata tad-dazji tal-importazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' monitors.</p> <ul style="list-style-type: none"> = Waqt li jitfakkru l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fl-1 u t-2 ta' Marzu 2012 fejn jingħad li "L-Unjoni Ewropea qed tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex treġġa' lill-Ewropa lura fuq it-triq ta' tkabbir u impjiegi.li tiffavorixxi t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi"; = B'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fit-22 ta' Mejju 2013, li jistabbilixxu bħala prinċipju bażiku li "Fil-kuntest ekonomiku attwali għandna nimmobilizzaw il-politiki kollha tagħna b'appoġġ għall-kompetittività, l-impjiegi u t-tkabbir."; = Waqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 fejn jingħad li "...huma meħtieġa aktar sforzi b'determinazzjoni fil-livelli kollha biex tingħata spinta lill-kompetittività u lill-impjiegi." <p>Minkejja talbiet ripetuti, ma tnejniet ebda valutazzjoni tal-impatt tal-proposta fuq l-industrija u l-impjiegi fl-UE.</p> <p>Barra minn hekk, waqt id-diskussjonijiet dwar il-proposta, ma nġhatat ebda spjegazzjoni adegwata dwar kif il-miżuri proposti huma ta' vantaġġ għall-Unjoni. Hija għalhekk il-fehma tagħna li għadu dubjuż jekk l-ambitu tal-prodotti li għandhom ikunu koperti b'rata ta' dazju tal-importazzjoni ta' 0%, skont il-klassifikazzjoni ġdida proposta, jeċċedix l-obbligi taħt il-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITA) u d-deċiżjoni tal-bord tal-WTO jew le.</p> <p>It-tnaqqis fir-rata tad-dazji tal-importazzjoni u t-tnaqqis li jirriżulta fil-kompetittività mqabbel mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi jkun ta' dannu serju għal waħda mill-industriji l-aktar importanti tal-Ungerija - il-manifattura tal-monitors, fejn il-klassifikazzjoni tat-tariffi tkun qed tiġi emendata mill-proposta. Din hija kwistjoni serja ħafna għall-Ungerija, peress li aktar minn 6000 impjegat huma involuti fil-produzzjoni ta' dawn il-monitors jew ta' partijiet tagħhom fl-Ungerija, l-aktar f'reġjuni li jbatu minn rati ta' qgħad fost l-oġġla fl-UE. Minbarra l-impjiegi fl-Ungerija, aktar minn 1000 post tax-xoġhol fi Stati Membri ġirien b'kumpanniji ta' oriġini Ungeriża jkun ukoll qed jitpoġġa friskju.</p> <p>Barra mill-problemi msemmijin hawn fuq, il-klassifikazzjoni l-ġdida proposta tat-tariffi mhix ċara, u dan ser iwassal għal abbużi u għall-evitar tar-regoli. Il-perijodu disponibbli sad-data proposta tal-applikazzjoni tar-regolament propost mhux ser ikun biżżejjed għall-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni li jagħtu l-gwida meħtieġa għall-applikazzjoni korretta, speċjalment fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kliem "livell aċċettabbli ta' funzjonalità".</p> <p>Għalhekk, l-Ungerija tqis li l-adozzjoni tal-proposta tikkontradixxi b'mod ċar il-prijoritajiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, speċjalment billi tpoġġi friskju bla bżonn l-industriji u l-impjiegi eżistenti.</p>	

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja hija kontra l-modifika tan-Nomenklatura Magħquda rigward l-istruttura tal-Kodiċi CN 8528 59 (monitors oħra). Iż-żewġ eżiti negattivi prinċipali ta' dawn il-bidliet ma ġewx diskussi fil-fond biżżejjed mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali. Dawn huma:

- Il-possibbiltà li jiġu importati fl-UE settijiet tat-televiżjoni mhux kompluti, eż. mingħajr tuner tat-TV, bħala monitors b'rata tad-dazju ta' 0% (ir-rata tad-dazju għat-TVs hija 14%) u jiġu mmontati fl-UE. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-abbozz tar-regolament li jipprevjeni dik il-prattika. Madankollu, il-Polonja hi tal-opinjoni li dan ir-regolament ma jkunx effettiv.
- Il-possibbiltà li jiġu importati fl-UE monitors tal-video b'funzjonalità ta' televiżjoni, li jevitaw ir-rata tad-dazju ta' 14% għat-TVs. Il-Polonja ressqet formalment quddiem il-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza tliet proposti alternattivi. L-għan hu li jiġi limitat l-ambitu tal-importazzjoni bla dazju tal-monitors b'funzjonalità ta' televiżjoni, li jevita l-inkonsistenza mal-obbligi internazzjonali tal-UE u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' Kamino. Il-Polonja kienet tal-opinjoni li din il-proposta għandha tiġi diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali. Dan huwa forum espert adatt tal-UE, li janalizza u jqis dan it-tip ta' proposti mressqa mill-Istati Membri.

Konsegwentement, il-modifika proposta tan-Nomenklatura Magħquda ser ikollha impatt negattiv ħafna fuq il-manifatturi kemm tat-TVs kif ukoll tal-monitors ibbażati fl-UE. It-tnaqqis fir-rata tad-dazju tad-dwana

minn 14% għal 0% ser ikopri 80% tal-monitors importati fl-UE klassifikati taħt is-subintestatura 8528 59. Dan jirriżulta f'telf sinifikanti ta' impjiegi u fir-riskju ta' ċaqliq tal-produzzjoni l barra mill-UE. Is-settur Pollakk tal-manifattura ta' TVs u monitors jipproduċi kważi 25 miljun apparat li 90% minnhom jitqassmu fis-suq tal-UE. Barra minn hekk, dan is-settur jimpjega madwar 60 000 ruħ. Il-Kummissjoni Ewropea għadha ma ppreżentatx lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali l-valutazzjoni tal-impatt soċjo-ekonomiku tar-regolament propost, speċjalment l-impatt fuq is-suq tax-xogħol. Is-settur tal-manifattura elettronika huwa protett fl-UE l-aktar bir-rati tad-dazju tad-dwana. F'pajjiżi oħra, eż. l-Istati Uniti jew il-Ġappun, il-livell tar-rati tad-dazju tad-dwana huwa pjuttost baxxa, fl-istess waqt li l-aċċess għas-suq ta' dawn il-pajjiżi hu ristrett b'ostakli non-tariffarji (ONT). Il-Polonja kienet konsegwentement issottolinjat li l-liberalizzazzjoni tal-livell tat-tariffi doganali tal-UE għandhom jintrabtu mal-liberalizzazzjoni tal-ONT ta' pajjiżi terzi, eż. l-Istati Uniti u l-Ġappun. Madankollu dawn il-pajjiżi sħab mhumiex lesti jilliberalizzaw l-ONT.

Barra minn hekk, hemm korrelazzjoni negattiva bejn il-modifika inkwistjoni u n-negozjati li jinsabu għaddejnin dwar ir-reviżjoni tal-ITA. Il-liberalizzazzjoni unilaterali wiesgħa proposta tad-dazji tad-dwana għall-monitors importati fl-UE taffettwa n-negozjati dwar l-ITA minħabba l-fatt li din il-linja tariffarja hija fl-istess ħin suġġett ta' dawn in-negozjati. Aħna ssottolinjajna dan il-fatt u pproponejna li nipposponu d-deċiżjoni sal-konklużjoni tan-negozjati dwar l-ITA.

Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq il-Polonja ma tistax taċċetta l-bidliet proposti fl-istruttura tal-Kodiċi CN 8528 59. Il-Polonja hi tal-opinjoni li l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali għandu jerġa' janalizza din il-kwistjoni. Il-Polonja tirriżerva d-dritt li topponi l-proposta finali tar-reviżjoni tal-ITA.

Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/641/KE, dwar ir-Repubblika tal-Ġżejjer tal-Fiġi u testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tagħha

13522/13

It-3259 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-30 ta' Settembru 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT
Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 30 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 11 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt ĠU L 263, 05.10.2013, p. 1-3	13328/13
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-30 ta' Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-muturi fir-rigward tal-istorbju ĠU L 263, 05.10.2013, p. 15–16	13319/13